# DUN ĠAN MARIA CAMILLERI
# L-Ewwel Kappillan tal-Għarb

**– Joseph Galea –**

Kien fl-1679 li l-parlament Ingliż fiż-żmien ir-renju ta' Karlu II għadda l-liġi tal-*Habeas Corpus.*[1] Dan ifisser li kien hemm il-bżonn li l-qorti teżamina l-legalità li priġunier ikun arrestat jew miżmum biex b'hekk ma tħallix li jkun hemm arresti illegali jew priġunerija arbitrarja. F'Malta l-Gran Mastru Nikol Cottoner kien wasal fit-tmiem tar-renju twil tiegħu u l-poplu kien qiegħed jirkupra mill-pesta li ħakmet lil Malta (1675-1676) u qatlet kwart tal-popolazzjoni tal-gżejjer.[2]

L-Isqof Mikiel Ġlormu Molina sar Isqof ta' Malta 1678 u qajjem rivoluzzjoni sħiħa. Fi ftit xhur waqqaf l-ewwel parroċċa rurali f'Għawdex, ix-Xewkija, u ftit xhur wara waqqaf l-Għarb bħala t-tieni parroċċa fil-Gżira. Il-parroċċa tal-Għarb inqatgħet mill-Matriċi fid-29 t' Awwissu 1679. Mat-twaqqif tal-parroċċa tal-Għarb ried jiġi appuntat kappillan biex jieħu ħsieb il-merħla.

L-Isqof nieda konkors għall-kappillan għall-parroċċa tal-Għarb u fil-11 ta' Settembru tas-sena 1679 sar l-eżami fil-palazz tiegħu l-Belt Valletta. Fuq parir tal-eżaminaturi sinodali l-Isqof Molina ħatar lil Giovanni Maria Camilleri bħala l-ewwel kappillan tal-Għarb. L-Isqof xandar edit fejn ordna lil Dun Alessandru Baglione J.U.D. pro vikarju tiegħu f'Għawdex biex fil-15 ta' Settembru jagħti l-pussess tal-parroċċa l-ġdida lil dan il-qassis fil-knisja iddedikata lill-Viżitazzjoni ta' Marija lil Eliżabetta msejħa 'Tal-Virtù' fil-limiti tal-Għarb (Figura 1). F'dik il-ġurnata fil-preżenza tal-pro vikarju, il-kappillan elett kellu jidħol u joħroġ f'din il-knisja, jiftaħ u jagħlaq il-bieb tagħha, jitla' fuq l-artal u jbusu u minn fuq l-artal jilbes l-ispellizza u l-istola u jkanta t-Te Deum u talb ieħor tal-okkażjoni solenni quddiem ix-xhieda Dun Anton Vella u Anton Apap.[3] L-għada s-16 ta' Settembru, l-pro vikarju Baglione bagħat ittra lill-Isqof Molina biex jgħarrfu li kollox sar kif xtaq hu. Il-poplu tal-Għarb wiegħed li jħallas kulma jkollha bżonn il-knisja, jikkontribwixxi 3 tari kull sena lill-Matriċi u jħallas biex iżomm il-kappillan.

Dun Giovanni Maria Camilleri twieled ir-Rabat Għawdex, iben Duminku u Gisella u tgħammed fil-31 ta' Jannar tal-1648 minn Dun Baskal Bugeja.[4] Qabel ma sar kappillan fl-Għarb kien viċi-parroku fil-Birgu mill-1676. Meta laħaq kappillan, fir-raħal kien hawn qassis wieħed, Dun Pietru Pawl Madiona, u xi kjeriċi iżda sa ftit snin wara l-kleru żdied b'Dun Duminku Axiak, Dun Ġan Anton Micallef, Dun Ġan Anton Falzon u Dun Feliċ Micallef. Fi żmien it-twaqqif tal-parroċċa l-popolazzjoni kienet tgħodd 511. Din baqgħet stabbli b'513 fl-1700 u 514 fl-1706.

L-ewwel magħmudija mill-Kappillan Camilleri kienet ta' Didaco, iben Grezzju Cauchi u Anna fil-5 ta' Diċembru 1679,[5] u l-ewwel koppja li żewweġ fil-knisja parrokkjali kienet ta' Andrea Dimech u Domenica Borg fit-30 t'April, 1680.[6] Wara kważi għoxrin sena li nqatgħet parroċċa l-Kappillan Camilleri u l-poplu tal-Għarb bdew iħossu l-bżonn li tinbena knisja ikbar. Fl-1698 il-Kappillan Camilleri, f'isem il-poplu tal-Għarb, talab lill-Granmastru Raymondo Perellos biex jagħtihom biċċa art fejn tista' tinbena knisja ġdida. Il-Granmastru kkuntentahom u fil-bidu tal-1699 il-Kappillan Camilleri qiegħed u bierek l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida fil-post imsejjaħ 'Ta' Nawrata'. Ix-xogħol beda u ma waqafx għal 15-il sena. Il-Kappillan Camilleri u l-viċi parroku Ġanni Falzon ġabru l-fondi mingħand il-poplu u flimkien mal-bennej Carnemolla ħadmu kemm felħu biex jinbena dan il-maqdes. Waqt li kien fl-Għarb il-Kappillan Camilleri bena dar



*L-ewwel knisja parrokkjali tal-Għarb iddedikata lill-Madonna tal-Virtù (Viżitazzjoni ta' Marija Santissima lil Santa Eliżabetta.)*

minn butu ħdejn il-kappella ddedikata lil San Pietru Appostlu fil-Ktajjen. Din kienet tinsab tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mill-knisja parrokkjali ta' dak iż-żmien fejn illum Santu Pietru. Kellha poġġatur żgħir ħdejha u żewġ mandretti. Il-Kappillan meta telaq ħalla din il-propjetà lis-suċċessuri tiegħu.[7] Fis-7 t'Awwissu, 1712 il-Kappillan Camilleri laħaq Kanonku tal-Matriċi tar-Rabat u ħalla l-kariga ta' kappillan.

Fir-Rabat Għawdex intefa' b'ruħu u ġismu jaħdem. Ma kienx hemm sptar diċenti f'Għawdex u l-morda kellhom ħafna problemi u bogħod biex imorru s-Sagra Infermerija fil-Belt Valletta. Barra li riedu jaqsmu l-baħar li ma kienx mingħajr periklu u ħafna drabi ma setax isir minħabba l-maltemp, kien ikun baqa' vjaġġ ta' 18 –il mil fuq l-art mill-Marfa sal-Belt. Minħabba f'hekk ħafna morda kienu jagħżlu li jibqgħu d-dar mingħajr ma jkollhom il-kura addattata mentri oħrajn li jkunu rriskjaw il-vjaġġ kienu jmutu fit-triq mingħajr sagramenti mqaddsa. Flimkien ma ħuh Girgor Camilleri li kien Kappillan tal-Ubbidjenza mal-Ordni ta' San Ġwann, il-Kanonku Ġan Maria Camilleri ħallew flushom biex jinbena sptar ġdid iddedikat lil San Ġwann Battista u Sant' Antnin ta' Padova. Billi Girgor kien membru tal-Ordni kellu jitlob permess lill-Granmastru Fra Marco Antonio Zondadari biex il-beni tiegħu jkun jista'jgħaddihom lil ħuh Ġan Maria biex jgħaqqdu l-fondi għall-isptar. Din it-talba kienet tgħid hekk:


decedentium detrimento, facere coguntur, altero vero, quod alia extent in locis Insulae Melitae Hospitalia, quae regimini et jurisdictioni laicae potestatis subjecta sunt. Quare idem modernus Magnus Magister ne dictum Joannes Maria donator de bonis suis praescriptis, attenta clausula resolutiva donationis de bonis suis praescripti attenta superius expressa in casum denegati beneplaciti hujusmodi, diversimode disponere valeat humiliter supplicari fecit, ut in praemissis opportune providere, et, ut infra indulgere de benignitate apostolica dignaremur.

*(fuq) Traskrizzjoni tal-bulla ta' Klement XI bil-konferma tal-Papa għall-bini tal-Isptar fejn isemmi lill-benefattur Ġan Maria Camilleri.*
*(ifsel) dettall. (Meħuda minn Agius De Soldanis GPF. Għawdex Bil-Ġrajja Tiegħu Traduzzjoni ta' Ġużeppi Farrugia, 1953 vol. 2 paġ 166.)*

*Sinjur Wisq Għali,*

*Il-Kappillan tal-Ubbidjenza Fra Girgor Camilleri, qaddej wisq devot tal-Eminenza Tiegħek, bil-qima qiegħed quddiemek, li bis-saħħa tal-att li sar għand in-Nutar Ġan Franġisk Debonu fis-27 ta' Lulju 1718, ħuh il-Kanonku Ġan Maria Camilleri, kien tah il-jedd li jista' jbigħ, jagħti u jirhan il-bini lilu mħolli mill-imsemmi kanonku u li huma msemmijin fl-aħħar biċċa tal-att li semmejna.*

*Billi l-Kappillan tal-Ubbidjenza Fra Girgor li qiegħed jiktiblek s'issa għadu ma jiddobbax b'dan il-jedd, jifhem li jbarri dan il-jedd u jċedih biex jagħmel ġid lill-Isptar ta' San Ġwann li ser jibni ħuh l-imsemmi 'Dun Ġan Maria'.*

*Għalhekk, ġejt għand is-Sinjurija tiegħek biex nitolbok tagħti l-permess lil kull nutar, kien min kien, biex nista' nikteb għandu ċ-ċaħda ta' dan il-ġid li jmissni għall-favur ta' dan l-isptar, u nibqa' nafhulek.*

*Magister Hospitalis Hierusalem – Fiat prout petitur*

*Datum in Palatio, die 8 Julii 1721*

*Fr J. Muttett Aud.or.*[8]

Il-Kanonku Camilleri ta beni tiegħu favur dan l-isptar fis-27 ta' Lulju, 1718 u mbagħad ħalla ġidu kollu għal dan l-isptar fl-atti tan-Nutar Biagio Zammit fis-16 ta' Ġunju, 1719 taħt il-patroċinju tal-Granmastru[9]. F'dak iż-żmien kien neċessarju li jinġab permess mis-Santa Sede biex jitwaqqfu Fundazzjonijiet tal-Karità Reliġjużi. Għalhekk, il-Granmastru Fra Marco Antonio Zondadari għaġġel biex iġib il-konferma mill-Papa Klement XI b'bulla tat-8 ta' Ġunju, 1720 (Figura 2).[10] Il-Kanonku Camilleri kien joqgħod fil-kastell fid-dar fejn illum hemm il-Mużew tal-Arkeoloġija t'Għawdex (Figura 3).

Il-Muniċipju t'Għawdex li kien responsabbli mill-bini tal-isptar ma jidhirx li kienu qed jgħarrfu t-tbatija tal-poplu tal-gżira bħalma kienu għamlu l-aħwa Camilleri u ma tantx urew ħeġġa biex iwettqu dak li riedu l-fundaturi. Fortunatament il-Granmastru Zondadari ried b'saħħa li jinbena l-isptar u fit-23 ta' Mejju 1721 amar lill-ġurati t'Għawdex biex jakkwistaw l-art mingħand il-Patrijiet ta' San Franġisk u sidien oħra. Xorta waħda baqa' t-tkaxkir tas-saqajn għax fid-19 ta' Lulju l-Granmastru kiteb ittra oħra fejn wera d-dispjaċir tiegħu għat-traskuraġni tal-ġurati. Għaddiet kważi sena qabel ma sar it-trasferiment

tal-art u saret sejħa għall-offerti mis-suċċessur ta' Zondadari, Fra Antonio Manoel de Vilhena.[11] Il-pjanti saru fl-1726 u l-bini tlesta tliet snin wara fuq disinn tal-Inġinier Franċiż il-Kavallier Henri de Mondion li ddisinja l-Banca Giuratale f'Għawdex ukoll. Ġan Franġisk Agius De Soldanis kiteb li oriġinarjament fi żmien Zondadari l-isptar kellu jiġi ikbar iżda De Vilhena ċekken il-pjanti oriġinali għax iddeċieda li l-isptar ġej kbir iżżejjed għall-bżonnijiet tal-poplu Għawdxi u allura l-bini kompla kif ried hu, kollu kemm hu, bil-fondi tal-aħwa Camilleri.[12] Il-Granmastru de Vilhena ħareġ ftit inqas minn elf skud biex jitlesta l-bini u jforni l-isptar bil-ħwejjeġ meħtieġa.[13] L-isptar tbierek mill-Isqof Paolo Alpheran u nfetaħ fl-14 t'Ottubru, 1729 (figura 4). Il-bini tal-isptar kien jikkonsisti f'żewġ swali twal fin-nofs (figura 5) b'bitħa kbira fuq kull naħa. Fit-tarf ta' kull sala kien hemm artal; ta' sala waħda kien iddedikat lil Sant' Antnin ta' Padova u tal-oħra lill-qaddisin protetturi tat-tobba, San Kożma u San Damjan. [14]

Fiż-żmien li nfetaħ l-isptar ġrat ġrajja kurjuża li għolliet mhux ftit l-introjtu tal-isptar. Bidwi waqt li kien jagħżaq fl-għalqa tiegħu sab idolu fl-għamla ta' għoġol tad-deheb.[15] Billi ma kienx jaf il-valur tas-sejba, il-bidwi partat l-għoġol ma' xi ħaġa ta' bla valur mal-Ġurat Ġużeppi Cassar li kien tat-tajjeb ħafna. Meta eventwalment il-Granmastru sar jaf b'dan, ried jakkwista l-għoġol iżda l-ġurat Cassar ma qalx x'għamel bih alavolja kien ittorturat biex jikxef fejn kien. Cassar ittella' l-qorti talli rrifjuta li jgħid fejn kien it-teżor u ġie kkundanat għall-ħabs. Il-propjetà tiegħu ġiet ikkonfiskata u mogħtija lit-Teżor tal-Ordni. Il-Granmastru f'att tat-28 t'Ottubru ,1729 ta l-ġid li kellu Cassar lill-isptar il-ġdid.[16] Billi Cassar kien maltrattat ħafna spiċċa ġol-isptar stess li gawda minn ġidu u baqa' hemm sa ma miet bħala priġunier fl-età ta' 73 sena.[17]

Fl-età ta' 77 sena, il-Kanonku Ġan Maria Camilleri ġie assassinat f'daru mas-seftura tiegħu Tereża de Azzopardo li kellha 40 sena. Dan ġara fit-30 t'Awwissu tas-sena 1723. Ma kellux xorti jara l-frott tad-donazzjoni kbira li għamel biex jinbena l-isptar.



*Id-dar fejn kien joqgħod u fejn safa maqtul il-Kanonku Ġan Maria Camilleri.*



*L-Isptar San Ġwann Battista u Sant' Antnin ta' Padova li nbena bi flus il-Kanonku Ġan Maria Camilleri u ħuħ iddisinjat minn Mondion.*



*Sala ġol-Isptar San Ġwann Battista u Sant' Antnin tar-Rabat, Għawdex. Ritratt meħud fil-bidu tas-Seklu 20. (Cini Charles. Gozo: A Journey in the Past. 1992 paġ 100).*

Il-mewt traġika tiegħu u tas-seftura seħħet billi fit-tard filgħaxija il-kanonku kien jiftaħ il-bieb ta' barra tad-dar tiegħu biex jidħol il-qattus ġewwa. Il-qattus kien iħarbex b'difrejh mal-bieb u jingħi biex jiftaħlu u jidħol. Il-ħalliel beda jigref u jingħi bħal qattus u meta l-qassis fetaħ il-bieb, l-assassin qatlu u qatel ukoll lis-seftura. Xnigħat persistenti ta' dak iż-żmien kienu li l-Kanonku ġie maqtul minn qarib tiegħu biex ipattilu talli ċaħħdu mill-wirt meta ta l-ġid kollu li kellu biex jinbena l-isptar.[18, 19] Mons. Luigi Vella kien jirrakkonta li raġel *'midħla tal-knisja matriċi, persuna onesta li qatt ma kienet ġiet f'ilsien in-nies,'* kien imtella' l-qorti kriminali f'Malta akkużat u pproċessat bil-qtil tal-qassis u tas-seftura. Meta ġiet *'iddikjarata l-innoċenza tiegħu u ġie meħlus, tant għadab u ħadha bi kbira li meta kien sejjer lura Għawdex waqaf Kemmuna u baqa' jgħix hemm sa kemm temm ħajtu'.*[20]

**Referenzi**

1) https://www.bl.uk/learning/timeline/item104236.html (aċċessat fl-10 ta' Ġunju 2019)
2) Micallef Joseph. Plague of 1676. Malta 1983
3) Atti tan-Nutar Tumas Debono, Kurja tal-Isqof, Għawdex.
4) Arkivju Knisja Katidrali, Rabat Għawdex.a
5) Liber Baptizaratorum, Confermati, Matrimonii, Mortuori. Arkivju Parroċċa Għarb vol 1
6) Ibid. folju 259.
7) Camilleri Salvatore. Manuskritt mhux ippubblikat.
8) Agius De Soldanis GPF. Għawdex bil-Ġrajja tiegħu (Farrugia Ġużepp traduttur). Malta 1953 vol. 2. Paġ 108-9.
9) Ara wkoll l-atti tan-Nutar Biagio Zammit tan-22 ta' Diċembru 1718 u 13 ta' Lulju 1721.
10) Manuskritt Numru 384. Biblijoteka Nazzjonali, Valletta, Malta
11) Manuskritt Numru 389. Biblijoteka Nazzjonali, Valletta, Malta.
12) Agius De Soldanis GPF. Għawdex bil-Ġrajja tiegħu (Farrugia Ġużepp traduttur). Malta 1953 vol. 2. Paġ 9.
13) Ibid.
14) Ibid. paġ 110.
15) Abela GF, Ciantar GA, Malta Illustrata, Malta,1780 vol 1 p.365
16) Arkivji 268. Folju 126. Biblijoteka Nazzjonali, Valletta, Malta
17) Manuskritt Numru 389. Biblijoteka Nazzjonali, Valletta, Malta
18) Manuskritt Numru 382. Biblijoteka Nazzjonali, Valletta, Malta
19) Manuskritt Numru 389. Biblijoteka Nazzjonali, Valletta, Malta
20) Vella Andrea. Iż-Żebbuġ u l-Ġrajja Tiegħu. Faxxiklu 14 p 287.

# Kanonku Teżorier **Dun Mikiel Cauchi** - 50 sena qassis







Kien sewwasew fil-**31 ta Mejju 1969**, festa Liturgika tal-Vizitazzjoni li Dun Mikiel gie ordnat qassis fil-kolleġġjata tan-Nadur mill-ET. Mons. Nikol Cauchi li kien għadu kemm laħaq Isqof ta' Għawdex u li kien jiġi kuġin tiegħu. Kien għadu fil-bidu tal-Episkopat tiegħu, mimli ħeġġa, u dakinhar kien jordna fil-parroċċi. Fil-fatt, Dun Mikiel ġie ordnat Djaknu fil-Knisja Parrokkjali tagħna, fil-Kolleġġjata li mbagħad iktar tard, fl-10 ta Ġunju tal-1969, laħaq Kanonku tagħha.

Ir-raba' wild ta' Alexander, magħruf bħala Sander u Victoria Cauchi (neè Tabone) minn disa' aħwa li meta laħaq qassis uħud minnhom ġew apposta mill-Awstralja fejn kienu emigrati bħal ħafna oħrajn. X'aktarx issemma Michael għal zijuh li kien għadu kemm miet ftit qabel ma twieled fid-9 ta Frar tas-sena 1943.

Dun Mikiel, fost id-diversi xogħlijiet li kellu, fosthom vigarju parrokkjali tal-Għarb, Azzjoni Kattolika, teżorier eċċ, kien jaħdem fis-Santwarju ta' Ta' Pinu u kien hemm meta ġie l-Papa issa qaddis Ġwanni Pawlu II. Tajjeb ngħidu li kien strumentali biex jitkabbar iċ-ċentru parrokkjali (is-sala) u biex ikun hemm benefattur tal-Artal Mejda li sar dan l-aħħar snin.

Nawguraw lil Dun Mikiel saħħa u barka minn Alla, minn San Mikiel Arkanġlu biex ikompli bil-karattru ferrieħi tiegħu u ħidma fil-parroċċa tagħna.

***Ad Multos Annos.***